Minuti tal-għoxrin laqgħa tas-seba' tal-Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 10 ta' Awwissu 2010 fit-7.35 ta' filgħaxija. Din il-laqgħa issejħet b'urġenza.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju | <br>Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Logħob Mingħajr Konfini**

981 Din li-laqgħa issejħet b'urġenza sabiex ikunu jistgħu jsiru ż-żewġ attivitajiet ta' Sports Mingħajr Konfini. Dawn iż-żewġ attivitajiet ser ssiru waħda fit-18 ta' Awwissu 2010 għal dawk it-tfal li huma taħt l-erbgħatax-il sena u oħra fil-25 ta' Awwissu 2010 għal dawk li għandhom 'il fuq minn erbgħatax-il sena. Il-materjal għal dan il-logħob ser jinġieb mingħand is-Sannat Lions F.C. u mill-Sports Complex tar-Rabat, Għawdex. Għandu jinxtara xi materjal għal dan il-logħob kif ukoll jinkera PA system. Il-parteċipanti ser jingħataw rigal ta' tifkira. Ir-rebbieħa ser jingħataw ktieb kull wieħed. Għandu jsir poster biex jiġu riklamati dawn l-attivitajiet, kif ukoll titqassam ittra/applikazzjoni ġo djar għal dawn l-attivitajiet għal dawk li huma nteressati li jieħdu sehem. L-applikazzjonijiet għat-tfal jintlaqgħu sa 13 ta' Awwissu 2010 u tal-kbar jintlaqgħu sal-20 ta' Awwissu 2010.

982 Għal din il-laqgħa attendiet għall-ewwel darba l-Kunsillier il-ġdid, is-Sinjura Marlene Muscat li ġiet eletta flok il-Kunsillier Manuel Tabone f'isem il-Partit Nazzjonalista.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.55 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 16 ta' Awwissu 2010 fis-7.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

SANNAT